*-giljottina kkonverita fi proċedura normali*

*- kontumaċja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 12 ta' Novembru 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 366/20 GM**

**Kalkara Marina Company Ltd (C-49452)**

**vs**

**STDB.EU LIMITED (C-39502) u Ricky Alan Reeves (Passaport Ingliż nru. 651825970) għall kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi li permezz tiegħu wara li esponiet illi:-

1. Tipprovdi diversi servizzi marittimi lill-proprjetarji/utenti ta' bastimenti, fosthom servizzi ta' rmiġġ ġewwa l-faċilita' tagħha tal-Marina fix-Xatt tal-Kalkara, il-Kalkara.

2. Ġiet inkarigata mill-konvenut sabiex tippresta servizzi ta' rmiġġjar għall-bastiment bl-isem *Simply the Dogs* bin-numru ta' reġistrazzjoni SSR164642 ġewwa l-Marina fil-Kalkara.

3. Fuq talba tal-istess konvenuti forniet l-imsemmija servizzi ta' rmiġġjar lill-konvenuti, jew min minnhom, kif għadha tagħmel sallum.

4. Il-konvenuti, jew min minnhom, għandhom arretrati ta' miżati għall-perjodu bejn l-1 t'Ottubru tas-sena 2018 u l-31 ta' Settembru 2020 li komplessivament jammontaw għas-somma ta' €25,960.00, kif jirriżulta mill-i*statement* tal-21 ta' Jannar 2020 (Dok A).

5. Minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-ammont dovut l-konvenuti, jew min minnhom, baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u għaldaqstant l-konvenuti, jew min minnhom, huwa/huma debitur/i tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €25,960.00.

6. Dan id-debitu tal-konvenuti, jew min minnhom, fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, huwa ċert, likwidu u dovut *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-fehma tagħha l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, bħala debitur/i tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €25,960.00.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut/i jew min minnhom, iħallsu separatament jew solidalment bejniethom, skond il-każ, lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmi ammont ta' €25,960.00.

3. Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegħ a bażi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment, u bl-imgħax legali, mid-data ta' meta ingħataw is-servizzi tal-irmiġġjar sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat il-provvediment tagħha tat-2 ta' Lulju 2020 li bih awtorizzat in-notifika tal-konvenuti bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni taħt l-Art. 187 tal-Kap 12.[1]

Rat illi minkejja l-konvenuti ġew notifikati bil-proċedura fuq indikata[2], baqgħu ma ppreżentaw ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilhom mil-liġi u għalhekk għandhom jitqiesu li huma kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Semgħet il-konferma ta' Dr Simon Testaferrata li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis- soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ġie ddikjarat li stante t-terminu tat-30 jum min-notifika tas-soċjeta` konvenuta għadda din il-kawża tinstema' bil-proċediment normali.[3]

---

[1] Fol 14
[2] Fol 16 u Fol 17
[3] Fol 22

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex l-konvenuti jippreżentaw nota' ta' sottomissjonijiet tagħhom iżda l-konvenuti baqgħu ma ppreżentaw xejn.

Rat l-atti l-oħrajn tal-kawża.

U billi hija sodisfatta li s-soċjeta` attriċi ppruvat il-kreditu tagħha fil-konfront tal-konvenuti.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Ma tiħux konjizzjoni tat-tielet talba tar-rikorrenti.

(ii) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri *in solidum* tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €25,960.00.

(iii) Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-istess konvenuti, jħallsu solidalment bejniethom, lis-soċjeta' attriċi l-imsemmi ammont ta' €25,960.00, bl-imgħax legali mid-data ta' meta ingħataw is-servizzi tal-irmiġġjar sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment a karigu tal-konvenuti.

Moqrija

GRAZIO MERCIECA

IMHALLEF